MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 113/2002/1

**Rikors Nru: 113/02**

**Carmelo Stivala**

**vs**

**Trader Marine Yacht Services Ltd**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimata l-fond 37 Ta' Xbiex Sea Front Msida bil-kera ta' Lm931 kull sitt xhur l-iskadenza li jmiss jghalaq fil-5 ta' Marzu, 2003.

Illi l-imsemmija intimata mhiex qieghda tuza dan il-fond skond id-destinazzjoni tieghu u ghall-zmien twil zammietu maghluq, liema ragunijiet jintitolaw lis-sidien jirriprendu l-pussess vojt tal-istess fond.

Illi inoltre s-societa’ intimata naqset li thallas l-iskadenzi tal-kera li ghalqu fil-5 ta’ Settembru 2002 u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitolbu li dan il-Bord jghogbu jawtorizzahom sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmi fond 37 Ta’ Xbiex Sea Front Msida fi tmiem il-lokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimata mill-imsemi fond.

Sema’ x-xhieda ta’ Michael Stivala.

Ra l-atti u d-dokumenti.

Ra li ghas-seduta ta’ llum is-socjeta’ intimata ma pprezentatx risposta fir-Registru tal-Qorti u lanqas deher hadd ghaliha fis-seduta.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond 37, Ta’ Xbiex Sea Front, Msida wara l-iskadenza tal-5 ta’ Marzu, 2003; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ intimati.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------